Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 8/2025

18 ta' Awwissu, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat: Ħadd

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**8.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet ser tasal ftit tard.

## 8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.1.1 Is-Sindku qal ref punt 7.1.6 (*unloading bay* fi Triq Dun Karm Lia) l-unloading bay kienet saret u kif kien miftiehem sar ukoll t-*timed parking* għal klijenti. Is-Sindku qal li issa minn kien ser jipparkja fuq id-double yellow lines kien ser jibda jaqla' ċitazzjoni.

8.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 7.2.1 (tazzi tal-festa reusable) il-Kunsillier Kurt Debono kien ġab il-kwotazzjonijiet minn tlett suppliers u li kienet intgħażel l-orħos offerta. Is-Sindku kompla jgħid li nhar it-Tnejn 25 ta' Awwissu, 2025 f'nofsinhar kien ser jsir il-*promo-video* mir-Reġjun Punent fil-pjazza. Is-Sindku qal li għal dan il-video kienu ser jattendu l-President tar-Reġjun flimkien mal-Manager tal-Iskart.

Il-Kunsillier Kurt Debono qal li t-tazzi kellhom jaslu sa nhar l-Erbgħa 27 ta' Awwissu, 2025.

8.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 7.2.1 sub item 3 (ħin tal-ġbir tal-iskart) ir-Reġjun kien ġie avżat li l-Kunsill jixtieq li l-ġbir tal-iskart jibqa' jinġabar l-istess cioe' l-ewwel ħaġa filgħodu.

8.1.4 Is-Sindku qal ref punt 7.2.4 (laqgħa konsultazzjoni Ġnien Dun Karm Vella) kienet saret u li kien jemmen li kienet laqgħa pożittivia ħafna. Huwa għarraf lill-Kunsill li issa l-perit kien ser jibda jaħdem fuq ċertu tibdil li ser jerġa' jiġi ppreżentat lill-Kunsill qabel ma jgħaddu għal permessi.

8.1.5 Is-Sindku qal ref punt 7.2.5 (proġett *Town twinning*) il-Kunsill kien attenda laqgħa onlajn mas-SEM fit-8 ta' Awwissu fejn ġie diskuss dan il-proġett u x-xogħol meħtieġ biex issir l-appikazzjoni għall-fondi tal-EU. Nhar l-Erbgħa 13 ta' Awwissu, 2025 saret laqgħa online mas-Sindku ta' Mytilene (li hija l-belt kapitali ta' Lesbos gżira tal-Greċja) u li kienu kkonfermaw li jixtiequ jieħdu sehem f'dan il-proġett. Is-Sindku semma s-similaritajiet li Ħal Safi għandu ma' Mytilene.

8.1.6 Is-Sindku ta d-dettalji ta' min kien ser jattendi għal proġett iffinnanzjat mill-EU li ser isir fil-villaġġ ta' San Filippo Del Mela fi Sqallija bl-isem ta' 'Think Green – for a Healthier Environment'. Is-Sindku qal li peress li huwa ma kienx jista' jattendi minħabba impenji oħra, se jkun il-Viċi Sindku Francis Callus li jirrapreżenta lill-Kunsill u jiffirma l-patt ta' ħbiberija mal-Kunsilli parteċipanti l-oħra. Huwa qal li kien fadal post vakant.

8.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 7.2.8 (fustun) kien intrama. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li kien qed jibża' li xi ħadd jibqa' tiela' fuq ir-roundabout u jsib id-dawl.

8.1.8 Is-Sindku qal ref punt 7.3.7 (proġett ta' *new water*) kien iltaqa' mal-inginier u l-kuntrattur li kien qed jaħdem fuq dan il-proġett. Is-Sindku kkonferma li t-triq min-naħa tad-Dog Park sal-Clearwell Cottage kien ingħata t-tarmak pero' kien hemm problema fuq in-naħa l-oħra Triq San Anton. Is-Sindku qal li din il-parti kellha terġa' titqaxxar għaliex skont il-Water Services is-samples li ttieħdu m'għaddewx mit-test. Pero' minħabba li t-triq tintuża biex iġorru n-nar tal-festa, kienu ftehmu mal-piroteknici tal-festa li x-xogħolijiet ikomplu wara l-ġimgħa tal-festa għaliex it-triq kellha titqaxxar aktar fil-fond u l-kuntrattur ma tax garanzija li jilħaq jagħti t-tarmak qabel il-festa.

8.1.9 Is-Sindku qal ref punt 7.3.8 (terrepien ħdejn l-għassa tal-pulizija) kienu neħħewh.

8.1.10 Is-Sindku qal li ref punt 7.3.9 (pavimentar mkisser bejn Triq San Pawl u l-pjazza ta' Santa Marija) il-kuntrattur kien ġie biex isewwi pero' minħabba li kienet inkisritlu maduma kien waqaf mix-xogħol. Is-Sindku qal li kien talabhom sabiex ix-xogħol isir meta l-Kunsill isib madum simili, u issa kkonferma li konna rnexxilna nsibu l-istess madum pero' xorta kienu ftehmu li jagħmlu ħilithom biex ma jkissrux il-madum eżistenti. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kellu jibda bix-xogħolijiet l-għada tal-laqgħa u jlesti jew l-għada jew massimu l-ġurnata ta' wara.

8.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.2.1 Is-Sindku qal li l-attivita' għal ġbir taż-żebbuġ kienet programmata għad-19 ta' Ottubru, 2025.

8.2.2 Is-Sindku qal li din is-sena, it-tellieqa Safi 5K kienet ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru, 2025 u li kien kellem lir-Reġjun biex forsi r-Reġjun ikun jista' jisponsorja parti minn din l-attivita'. Is-Sindku qal li l-President tar-Reġjun diġa' kien ikkuntatrja l-organiser fejn talabha lista tal-infieq neċessarju sabiex tittella din it-tellieqa. Huwa qal li s-soltu l-Kunsill kien jgħin fix-xiri tal-ilma, u kkonferma li kien avża' lill-organiser li jekk ikollna l-pjazza maqlugħa ikollha ssib rotta alternattiva. Il-Kunsill qabel.

8.2.3 Is-Sindku qal li kien irċieva talba mil-librara biex tbiddel waħda mill-ġranet li tiftaħ il-librerija. Huwa qal li mit-22 ta' Settembru kellha impenji oħra u ma setgħetx u minflok il-ġurnata tat-Tnejn xtaqet tibda tiftaħ it-Tlieta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament.

8.2.4 Is-Sindku qal li nhar id-29 ta' Lulju kellu laqgħa mal-kumpanija *Faces* Ltd li jieħdu ħsieb il-*bus shelters*. Is-Sindku qal li kien talab il-qisien tal-bus shelters u l-Perit kien ikkonferma li bus shelters fi Triq il-Kuċċard u Triq il-Ħajt Ruman setgħu jsiru pero' jidher li ma kienx possibli li ssir bus shelter fi Triq iż-Żurrieq ħdejn is-sorijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li la ma kienx possibbli li ssir bus shelter allura l-bus stop fil-pjazza rotta Żurrieq lejn il-Belt jibqa' fejn hu eżistenti.

Is-Sindku qal li huwa kien attenda laqgħa ma' *Transport Malta* minħabba r-rotta tal-linja għal żmien il-festa. Huwa qal li waqt din il-laqgħa ġie diskuss ukoll fejn għandhom isiru t-*temporary bus stop*s. Is-Sindku spjega kif kienet ser tgħaddi r-rotta tal-linja lill-Kunsill.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 18:22.

Is-Sindku reġa' spjega l-problema għala ma setgħetx issir *bus shelter* fejn is-sorijiet lill-Kunsilliera Joanna Abdilla. Il-Kunsill reġa' qabel b'mod unanimu li l-bus stop tal-pjazza jibqa fejn qiegħed u nirrelokaw biss bus stop direzzjoni lejn iż-Żurrieq.

8.2.5 Is-Sindku qal li nhar it-23 ta' Lulju l-President tar-Reġjun kellu laqgħa mac-CEO tal-LESA rigward l-iskema l-ġdida. Is-Sindku spjega kif kienet taħdem l-iskema tal-LESA fil-passat fejn aħna konna napplikaw għal wardens, u l-każin kien iġib l-irċevuti ta' ħlasijiet marbuta

ma’ Pulizija u Protezzjoni Ċivili matul il-festa u imbagħad konna niġu reimbursed mir-Reġjun. Is-Sindku qal li huwa diġa’ kien bagħat il-kuntatti lill-Każin u l-Kappillan sabiex ikunu jistgħu japplikaw dirett mal-LESA huma kif meħtieġ. Is-Sindku kompla jispjega li sa issa ma kienx ċert jekk il-Każin kellux japplika għal wardens dirett huwa wkoll.

8.2.6 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 1 ta’ Awwissu attenda laqgħa l-*Cleansing Department* rigward il-BCRS. Is-Sindku spjega li l-lokalita’ ta’ Ħal Safi kienet ser tibbenefika mill-iskema fejn l-anzjani jċemplu 1718 u jagħmlu appuntament sabiex jinġabrulhom il-flixken tal-plastic vojta. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jidderieġi lil min iċempel x’għandu jagħmel.

8.2.7 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 8 ta’ Awwissu, 2025 sar iż-żbir taż-żebbuga tal-pjazza għaliex kien hemm il-periklu li jinqasam iz-zokk prinċipali.

Is-Sindku qal li f’Lulju kien sar iż-żbir tal-ficus u s-siġar l-oħra.

8.2.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsillieri li l-Kappillan kien bagħat żewġ stediniet għall-festa: waħda għal quddiesa tal-festa tal-paniġierku fit-31 t’Awwissu u l-oħra għal bibita nhar il-Ħamis 4 ta’ Settembru, fil-bitħa tas-sorijiet fis-7:00pm.

8.2.9 Is-Sindku qal li f’Settembru kellna nagħmlu l-*Clean Up* ta’ din is-sena li konna applikajna permezz tar-Reġjun Punent. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-*Clean Up* issir nhar is-Sibt 27 ta’ Settembru, 2025 fil-5:00pm.

8.2.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mill-PBS. Is-Sindku spjega li minn Ottubru li ġej kien ser jibda programm fuq it-TVM fuq l-lokalitajiet Maltin u Għawdxin simili tal-programm *Bongu Malta* li kien isir fl-imgħoddi. Is-Sindku qal li xtaq jissuġġerixxi li naraw jekk hux possibbli li Ħal Safi jżuruh meta jkollna Festa Familja f’Novembru li ġej. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-proposta.

8.3 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

8.3.1 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li minflok il-ħarġa għal Kemmuna issa kienet ser torganizza *Day by the Pool* f'lukanda. Hija tat id-dettalji tal-ħarġa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li t-trasport jitħallas mill-Kunsill.

8.3.2 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet irċiviet talba għal mera fi Sqaq Karwija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li titwaħħal mera minħabba l-periklu.

8.3.3 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li xtaqet tiċċara l-punt ta' l-ewwel sqaq fejn il-Ġnien Alexander Ball. Hija qalet li l-persuna kienet qed tirreferi għat-triq tal-Ġnien ta' Ball. Is-Sindku qal l-problema tal-ħaxix kienet li l-Kunsill ma kellux f'idejh vann biex jinġarr il-ħaxix, pero' issa l-ħaxix f'din it-triq kien wasal biex jinqata'.

8.3.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li dak inhar ta' Festa Familja ser ikun hemm il-*Half Marathon* organizzata minn Żurrieq Wolves. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tajjeb li nkunu nafu u li għandha ssir komunikazzjoni biex ma naħbtux ma xulxin.

8.3.5 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li xtaq jitkellem ftit dwar il-pjazza li sal-lum kienet qed tilqa' u takkomoda lil kulħadd bl-aħjar mod, kemm jekk isir funeral, jew tieġ kif ukoll il-volontieri li jaħdmu għal Każin li kif inhi l-pjazza illum setgħu jieqfu u jinqdew biex jipparkjaw fil-pjazza. Huwa qal li illum ħafna mid-djar li hemm fil-pjazza jinsabu vojta u ikun għajb li jiġu joqogħdu fil-pjazza bla ma jsibu parkeġġ.

Is-Sindku qal li ċertu bidliet huma diffiċli, filwaqt li jifhem li jkun hemm certu biża' u reżistenza mill-bidla, pero' l-Kunsill ma jistax jibqa' jagħti priorita' lill-karozzi u ma jipprovax jinċentiva l-mixi fir-raħal żgħir tagħna. Apparti minn hekk, jemmen li l-pjazza li hija l-qalba ċentrali tar-raħal tagħna ma jixirqiliex li tkun parkeġġ għall-karozzi imma, permezz ta' dan il-proġett, se nkunu qed nagħmlu mill-pjazza spazju miftuħ u pedonali għar-residenti. Apparti minn hekk, se nkunu wkoll qed innaqqsu ammont sostanzjali ta' traffiku li qed jgħaddi 'in transitu' mill-pjazza tar-raħal tagħna. Dan l-istess kif hemm fi pjazez oħrajn barra minn Malta u kif qed jiġri wkoll f'diversi pjazez oħra f'Malta.

Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-pjanti li ssottometta l-Kunsill għall-applikazzjoni ta' *Vjal Kulħadd* kellhom jiġu diskussi. Is-Sindku qal li dawn il-pjanti filfatt għadhom qed jiġu diskussi, pero' fakkar ukoll li fuq din il-proposta l-Kunsill kien obbligat li joħloq partijiet pedonali u li dan il-proġett diġa' kien approvat b'mod unanimu waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

8.3.6 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li waħda mill-ħġieġ tax-xelter kienet mxaqqa. Is-Sindku qal li l-ħġieġ kellu jinbidel mal-proġett tal-pjazza.

8.3.7 Il-Kunsillier Kurt Debono ta d-dettalji tal-fanali li kien hemm biex jinbidlu fit-toroq tal-purċissjoni li b'kollox jammontaw għal tnejn. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jara x'jista' jsir u qabel kollox l-ewwel naraw jekk id-djar inkwistjoni jaċċettawx li jeħel fanal mal-faċċata tagħhom.

8.3.8 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fi Triq ta' Rqajja kien hemm tappiera mibruma u kien qed joħroġ ħafna nemus u wirdien. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nirrapurtawaha lil *Water Services Corporation*.

8.3.9 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li it-tabelli fuq iz-zuntier kienu maħruqin bix-xemx. Is-Sindku qal li dawn flimkien ma diversi tabelli f'siti oħra kellhom jinbidlu mill-MTA.

8.3.10 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk fi Triq San Pawl int u tiela jistax isir single yellow line minflok double yellow line sabiex min ikollu xirja jkun jista' jieqaf. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naraw ma' *Transport Malta* minhabba periklu u l-ewwel nagħtu cans li jiġi mplimentat t-*traffic management*.

8.3.11 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk Triq il-Ħajt Ruman hemmx xi diskussjonijiet biex titwessa' din it-triq. Is-Sindku spjega li hemm bankina li saret l-expropjazzjoni fuqha u li l-ħsieb tal-Kunsill huwa li titneħħa din il-bankina li bħalissa hija minngħajr użu u jinħoloq parkeġġ minflok.

**8.4 Rapporti**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tat-Tieni *Quarterly Financial Statements* Q2 (Jannar – Ġunju, 2025) lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

**8.5 Approvazzjoni Kuntratt ta' servizz ta' Perit**

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ħareġ offerta fuq l-epps għas-servizz ta' Perit. Huwa spjega li għal dan is-servizz kienu ntefgħu żewġ offerti. Il-Bord tal-għażla kien iltaqa' u kien sab li ż-żewġ offerti kienu compliant. Is-Sindku spjega li issa li ltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni kien qed jissuġġerixxi li l-orħos offerta jingħata l-kuntratt. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ssekkondah. Il-Kunsill qabel.

**8.6 Ħatra Bord Evalwazzjoni Kuntratt Turf Artifiċjali għal Grawnd tal-futbol**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal dan il-kuntratt kienu ntefgħu sitt offerti u peress li kien kuntratt tekniku talbet sabiex fuq il-bord tal-evalwazzjoni jkun hemm bniedem li huwa tekniku fuq dan il-Kuntratt. Il-Kunsill iddiskuta li qabel li flimkien mal-Kunsillieri jkun hemm xi ħadd tekniku sabiex issir l-evalwazzjoni ta' dan il-kuntratt.

**8.7 Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet e-mail mibgħuta mill-BOV. Hija qalet li b'effett minn nofs Awwissu, 2025 iċ-ċekkijiet ma setgħux jiġu depożitati fl-Express Deposit tal-Bank, għax sa jieqaf dan is-servizz, u għalhekk kien jinħtieġ li l-Kunsill ikollu *BOV card* li tkun tajba biss biex isir id-depożitu taċ-ċekkijiet kemm għall-istess Kunsill u kemm jekk ikunu għal entitajiet oħra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill ikollu din id-*deposit card*.

Ma kienx hemm talbiet għal diskussjoni ta' xi korrispondenza.

**8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

## 8.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-8:22pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru, 2025, fil-5:30pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv